MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 335/2004

**Citadel Insurance plc (C21550) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Mary Andrews u l-istess Mary Andrews**

**Vs**

**Marta Cachia u b'digriet tat-Tribunal tal-31 ta' Mejju, 2004 l-isem gie mibdul ghal Maria Cachia**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu li l-konvenuta tigi kkundannata thallas Lm464.98c (erba' mija w erbgha u sittin lira Maltin u tmienja u disghin centezmu) rapprezentanti danni kkagunati f'incident tat-traffiku kif ahjar spjegat fl-Avviz.

Il-konvenuta rrispondiet li l-incident ma kienx tort taghha.
Ra li din il-kawza hija konnessa ma' kawza ohra **Avviz Numru 329/04PM**.

It-Tribunal jaghmel referenza ghall-kawza **329/04PM** fl-ismijiet **Citadel Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Ailwin Cuschieri u l-istess Ailwin Cuschieri Vs Maria Cachia**.

F'dik il-kawza gie ddikjarat li l-konvenuta hi unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni billi hi kienet qieghda ssuq minghajr l-attenzjoni rikjesta.

Ghar-rigward Dok. EZL 05 l-ammont huwa:

- *Front Door* - Lm36.77c (sitta u tletin lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu)

- *Door Hinges* - Lm12.97c (tnax-il lira Maltin u sebgha u disghin centezmu)

- *Door Moulding* - Lm12.27c (tnax-il lira Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu)

- *Wing Bade* - Lm2.31c (zewg liri Maltin u wiehed u tletin centezmu)

Dan jaghti total ta' Lm64.32c (erbgha u sittin lira Maltin u tnejn u tletin centezmu) hemm ukoll VAT bil-15% = Lm9.64c (disa' liri Maltin u erbgha u sittin centezmu).

Hemm ukoll discount ta' 5% = Lm3.22c (tlett liri Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu).

Ghalhekk l-ammont li ghandu jithallas huwa:

Lm64.32c (erbgha u sittin lira Maltin u tnejn u tletin centezmu) +
Lm 9.64c (disa' liri Maltin u erbgha u sittin centezmu) –
Lm 3.22c (tlett liri Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu) =

**Lm70.74c** (sebghin lira Maltin u erbgha u sebghin centezmu) u mhux Lm148.73c (mija u tmienja w erbghin

lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu) li jidher f'Dok. EZL 05.

Ghalhekk it-talba attrici trid titnaqqas bl-ammont ta' Lm77.99c (sebgha u sebghin lira Maltin u disgha u disghin centezmu).

Ghall-istess ragunijiet indikati fis-sentenza fil-kawza **329/04PM** deciza llum jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-atturi l-ammont ta' Lm386.99c (tlett mija u sitta u tmenin lira Maltin u disgha u disghin centezmu) bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-Ittra Ufficjali msemmija fl-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------